**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2007**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| **IR-RABA' SENA** | **RELIĠJON** | **Ħin: Siegħa u nofs** |
|---|---|---|

**Isem:** ________________________ **Klassi:** ___________

**Taqsima A**

Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet. **(10 x 2 = 20 marka)**

1. X'insejħulu d-dnub tal-bidu?

______________________________________________________________

2. Min hu s-Sid ta' kollox u ta' kulħadd?

______________________________________________________________

3. Semmi **żewġ** firdiet li jġib miegħu d-dnub.

______________________________________________________________

4. F'liema ktieb tal-Bibbja nsibu r-rakkont tal-ħolqien tad-dinja u tal-bniedem?

______________________________________________________________

5. Minbarra d-dokumenti Nsara (il-Kotba tat-Testment il-Ġdid), fejn iżjed insibu prova li Ġesù eżista tassew? Agħti **żewġ** provi.

______________________________________________________________

6. Għaliex għalina l-Insara l-Ħadd huwa 'Jum il-Mulej'?

______________________________________________________________

7. Xi tfisser il-kelma 'Ewkaristija'?

______________________________________________________________

8. Meta Ġesù waqqaf is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni (il-Qrar)?

______________________________________________________________

9. Għaliex hu magħruf il-Qaddis San Vinċenz de Paule?

______________________________________________________________

10. Xi rridu nfissru meta ngħidu li Ġesù ġie biex isalva l-bniedem sħiħ?

______________________________________________________________

**Taqsima B** **(5 x 3 = 15-il marka)**

Agħti t-tifsir ta' dawn il-kliem u għid x'tgħallem il-Knisja dwarhom.

1. Superstizzjoni: ____________________

____________________

2. Oroskopju: ____________________

____________________

3. Fanatiżmu: ____________________

____________________

4. Riinkarnazzjoni: ____________________

____________________

5. Id-dnub: ____________________

____________________

**Taqsima Ċ** **(15-il marka)**

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.

1. Għid għaliex ir-Reliġjon hi importanti għall-ħajja tal-bniedem. (Agħti **żewġ** tweġibiet).

____________________

____________________

____________________

____________________ (10 marki)

2. Għaliex huwa importanti li aħna nieħdu d-deċiżjoni li nimxu wara Ġesù?

____________________

____________________

____________________

____________________ (5 marki)

**Taqsima D** **(2 x 10 = 20 marka)**

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.

1. Irrakkonta **żewġ ġrajjiet** mill-ħajja ta' Ġesù fejn jurina li hu kien jirrispetta lil kull bniedem (lit-tfal, lill-morda, lill-midinbin).

   (i) ______________________________

   ______________________________

   ______________________________

   (ii) ______________________________

   ______________________________

   ______________________________

2. Ikteb dwar **żewġ ġrajjiet** li bihom l-Appostli kkonvinċew ruħhom li Ġesù kien qam tassew mill-mewt.

   (i) ______________________________

   ______________________________

   ______________________________

   (ii) ______________________________

   ______________________________

   ______________________________

**Taqsima E** **(2 x 5 = 10 marki)**

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.

1. F'mhux inqas minn **30 kelma**, ikteb il-ġrajja ta' meta Ġesù ħafer lill-mara li nqabdet f'adulterju.

   ______________________________

   ______________________________

   ______________________________

   ______________________________

   ______________________________

2. F'mhux inqas minn **30 kelma**, irrakkonta t-twaqqif ta' l-Ewkaristija minn Ġesù fl-Aħħar Ċena.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**Taqsima F** **(20 marka)**

Agħżel **waħda** mill-mistoqsijiet 1, 2 jew 3 u wieġeb fuq karta separata.

**1. Il-Bibbja hija l-Kelma t'Alla Miktuba.**

(a) Aħna l-Insara nemmnu li l-Bibbja hija l-Kelma t'Alla għax fiha nsibu l-messaġġ ta' mħabba li ried iwassal lill-bnedmin. Għid x'inhu dan il-messaġġ. (7 marki)

(b) X'nifhmu meta ngħidu li l-Bibbja hija l-Kelma t'Alla Miktuba? (7 marki)

(ċ) Agħti **żewġ** eżempji mill-Bibbja biex turi kif din tista' tgħinna nieħdu deċiżjonijiet tajba f'ħajjitna. (2 x 3 = 6 marki)

**2. Il-ġrajja ta' l-Eġittu turi li Alla jrid isalvana minn kull jasar.**

(a) Irrakkonta l-ġrajja ta' meta Alla salva lill-poplu tiegħu mill-jasar, jiġifieri mill-iskjavitù ta' l-Eġittu. (7 marki)

(b) Meta kien fid-deżert Alla ntrabat mal-poplu tiegħu permezz tal-Patt, jiġifieri l-Għaxar Kmandamenti. **Ikteb** dawn l-Għaxar Kmandamenti. (5 marki)

(ċ) Fisser fit-tul **erba'** mill-Kmandamenti li Alla ta lill-poplu tiegħu permezz ta' Mosè. (8 marki)

**3. Il-Knisja hija l-Poplu l-Ġdid t'Alla.**

(a) Ġesù jxebbah lill-Knisja tiegħu ma'
   (i) żerriegħa tal-mustarda;
   (ii) xibka li fiha jinġabru kemm il-ħut it-tajjeb u kemm il-ħut ħażin;
   (iii) għalqa li fiha jikber kemm il-qamħ u kemm is-sikrana.

Agħti t-tifsira ta' dawn it-tliet tixbihat. (3 x 3 = 9 marki)

(b) Il-Knisja hija Waħda, Qaddisa, Kattolika u Appostolika. Fisser **tnejn** minn dawn il-marki tal-Knisja. (4 marki)

(ċ) Uri kif inti tassew membru ħaj fil-komunità tal-Knisja. (7 marki)